



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

5.6.2013

B7-0266/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001
(2013/2637(RSP))

**Cornelis de Jong, Cornelia Ernst, Søren Bo Søndergaard, Jiří Maštálka,
Marie-Christine Vergiat**
fisem il-Grupp GUE/NGL

RE\938837MT.doc

PE509.895v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0266/2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (2013/2637(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni COM(2008)0229 tat-30 ta' April 2008 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni COM(2011)0137 tal-21 ta' Marzu 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0229), adottat fil-15 ta' Diċembru 2011,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti (O-000113/2012 – B7-0055/2012 u O-000133/2012 – B7-0075/2012),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kompli saħħaħ l-obbligi ta' trasparenza tal-UE u stabbilixxa l-aċċess għad-dokumenti bħala dritt fundamentali;
- B. billi t-trasparenza hi għodda essenzjali li tippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u timmonitorja wkoll dak il-proċess u l-azzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali mil-lat ta' kontabbiltà;
- C. billi t-trasparenza hi ferm aktar importanti fil-proċeduri leġiżlattivi, fost l-oħrajn fid-dawl tal-prerogattivi msaħħa tal-UE fil-qasam tal-liġi kriminali, li teffettwa l-aktar id-drittijiet fundamentali ewlenin; billi l-Parlament f'diversi okkażjonijiet sejjaħ għal trasparenza msaħħa fil-proċedura leġiżlattiva, inkluża trasparenza fir-rigward tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, il-pubblikazzjoni tal-opinjoni legali fil-proċeduri leġiżlattivi, u trasparenza akbar fit-'trilogi';

- D. billi l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Ombudsman Ewropew sostanzjalment influenzaw il-fehim tar-Regolament Nru 1049/2001; billi din il-każistika, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonossiment fi proċedura leġiżlattiva, bħal *Turco* u *Access Info*, għandha tkun riflessa fil-leġiżlazzjoni;
- E. billi r-Regolament Nru 1049/2001 hu meqjus miċ-ċittadini tal-UE u mill-pubbliku tal-UE bħala leġiżlazzjoni importanti ħafna li ttiprovdi l-għodda għal superviżjoni adegwata tal-azzjonijiet tal-UE; billi l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 għad trid tiġi mtejjba, kif deher minn diversi każijiet trattati mill-Ombudsman;
- F. billi fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet tfassil mill-ġdid tar-Regolament Nru 1049/2001, u billi ma rtiratx dik il-proposta wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona; billi l-Parlament informa kif xieraq lill-Kummissjoni dwar l-użu mhux kif xieraq tal-proċedura ta' tfassil mill-ġdid u billi, bħala konsegwenza, il-Parlament stess kellu jibdel it-test propost biex ikun adattat għat-Trattat ta' Lisbona;
- G. billi fl-2011 il-Kummissjoni għamlet proposta addizzjonali li b'mod impliċitu biss testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE; billi l-Parlament għaqqad flimkien il-proċeduri tal-2008 u tal-2011 fi proċedura unika;
- H. billi l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2011, u t-trilogi bdew taħt il-Presidenza Daniża fl-ewwel nofs tal-2012; billi l-Kummissjoni ma qablitx mal-kompromessi possibbli li ġew proposti, u dan wassal għal impass ta' aktar minn sena;
- I. billi l-presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża ma rnexxilhomx isolvu l-impass fil-Kunsill u jinbdew negozjati oħra minħabba r-reżistenza tal-Kummissjoni, li wasslet għal rekwiżit unanimu mill-Kunsill dwar ċerti punti;
- J. billi, minħabba l-obbligi ta' trasparenza msaħħa inklużi fit-Trattati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, kull reviżjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 ma għandhiex tbaxxi l-livell attwali ta' trasparenza;
- K. billi n-nuqqas ta' fehim dwar verżjoni ġdida tar-Regolament Nru 1049/2001 tista' tibgħat messaġġ żbaljat dwar in-natura tal-UE liċ-ċittadini tagħha, u billi dan in-nuqqas jista' jdgħajjef il-leġittimità tat-teħid ta' deċiżjoni tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej ewlenin li dalwaqt ikunu magħna;
1. Jistieden lill-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE biex jimplimentaw b'mod sħiħ ir-Regolament Nru 1049/2001;
 2. Iqis li l-emendar tar-Regolament Nru 1049/2001 għandu jkun prijorità għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u jiddispijaċi li nħoloq dan l-impass; jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jaħdmu flimkien biex tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun;
 3. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jirrevedi r-Regolament Nru 1049/2001, li għandu, meta meħud kollu kemm hu, jagħti liċ-ċittadini tal-UE aċċess aktar miftuħ u mtejjeb għad-

dokumenti tal-UE;

4. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif adottata fil-15 ta' Diċembru 2011 (EP-PE_TC1-COD(2008)0090) bħala l-punt tat-tluq għan-negożjati, jenfasizza li b'mod partikolari test emendat, bħala minimu assolut, u bi qbil mar-rekwiżiti tat-Trattat, għandu: b'mod espliċitu, jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE; isaħħaħ it-trasparenza leġiżlattiva, fejn l-użu ta' eċċezzjonijiet fil-proċedura leġiżlattiva għandha tkun eżenzjoni mir-regola ġenerali tat-trasparenza leġiżlattiva; jiċċara r-relazzjoni bejn it-trasparenza u l-protezzjoni tad-data; jinkludi l-Konvenzjoni Aarhus; jipprovdi għal trasparenza tad-dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri; jinkludi opinjonijiet tas-servizz legali abbozzati fil-kors tal-proċedura leġiżlattiva, jipprovdi għal trasparenza finanzjarja tal-fondi tal-UE (inkluż fil-livell tal-Istati Membri) u jsaħħaħ it-trasparenza meta jintalab l-għarfien espert minn barra; ma jinkludix limitazzjoni fuq id-definizzjoni ta' 'dokument'; u ma jintroduċi l-ebda eżenzjoni ġenerali;
5. Jistieden lill-Kummissjoni timpenja b'mod sħiħ lilha nnifisha, fil-livell politiku u tekniku, biex ir-Regolament Nru 1049/2001 jiġi adattat skont it-Trattat ta' Lisbona;
6. Jistieden lill-Kunsill biex immedjatament jerġa' jibda d-diskussjoni dwar ir-Regolament Nru 1049/2001, biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u biex ikompli n-negożjati;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.